# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **5 TA' MEJJU 2019**

**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju ta' Fr Matthew Pulis**
Il-Ħadd 5 ta' Mejju 2019 fis-6:00pm Quddiesa ta' Radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju ta' Fr Matthew Pulis fil-Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fl-4:30pm.

**Tberik tal-Familji**
It-tberik tal-familji hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 6 ta' Mejju 2019**
Triq il-Bajja, Triq San Nikola, Triq Santa Marija u Triq l-Għawwiema.
**It-Tlieta 7 ta' Mejju 2019**
Triq l-Għaġuża, Triq Għar ix-Xama, Triq is-Sdieri, Triq il-Blajjiet (il-Parti t-isfel li tmiss ma' Triq iż-Żonqor) u Triq il-Bajda u s-Sewda.
**L-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019**
Triq Lampuka u Triq il-Qawsalla.
**Il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2019**
Triq il-Maħsel u Triq il-Qaliet (minn Villa Sant' Anna sal-Bajja ta' San Tumas)

**Festa tal-Madonna ta' Pompei**
L-Erbgħa 8 ta' Mejju 2018 hija l-festa tal-Madonna ta' Pompei. Wara l-quddiesa tas-7.00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija u tingħad is-Supplika tal-Madonna.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fid-9:30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**
Min-nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 fis-Sala San Ġwakkin jiftaħ il-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir ukoll bejgħ ta' pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Festa ta' San Ġorġ Preca**

Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 fis-6:00pm niltaqgħu l-Museum tas-Subien u nimxu flimkien lejn il-Knisja Parrokkjali għall-Quddiesa tas-6:30pm. Qed nistiednu lit-tfal flimkien mal-familja tagħhom biex nattendu u wara l-quddiesa ser norganizzaw attività għal kulħadd fuq iz-zuntier tal-knisja.

**Il-Ħamis 9 ta' Mejju hija l-festa ta' San Ġorġ Preca. Hija ġurnata fejn irroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel mal-gzira tagħna permezz ta' dan is-saċerdot Malti. Jalla tkun ġurnata fejn napprezzaw il-Kelma ta' Alla, il-katekiżmu tal-Knisja u l-ġid li jagħmlu fostna l-membri tal-Mużew u tant katekisti li qed jagħtu ħajjithom għax-xandir tal-Kelma ta' Alla.**

**Quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm**

Il-Ħadd 12 ta' Mejju 2019 fil-quddiesa tad-9:15am ser niċċelebraw Jum l-Omm. Qed nistiednu lit-tfal iġibu magħhom fjura biex inpoġġuha f'riġlejn ix-xbieha ta' Marija. F'din il-quddiesa jsir ukoll l-inkurunazzjoni tal-Madonna mit-tfal u min jixtieq nistiednukom ukoll biex iġibu bukkett fjuri lill-Madonna.

***Eurovision Pasta Night***

Is-Sibt 18 ta' Mejju 2019 mit-8:30pm 'il quddiem ser norganizzaw *Eurovision Pasta Night fis-Sala Sant'Anna.* Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Voluntiera tal-Parroċċa.

**Pellegrinaġġ Marjan lejn il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl il-Bidni**

Il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2019 ser norganizzaw Pellegrinaġġ Marjan mill-Knisja Parrokkjali sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, il-Bidni. Fis-7:00pm nibdew il-pellegrinaġġ bit-talba tar-Rużarju. Meta naslu fejn it-tabella tal-Bidni għal dawk li ma jixtiqux jitilgħu t-telgħa se jkun hemm trasport li jtellagħhom sal-kappella. Fit-8:00pm niċċelebraw il-quddiesa u wara biċċa timpana għal kulħadd. Inħeġġiġkom sabiex nattendu.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Mejju 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.